**SKOLA SEKONDARJA SAN FRANĠISK - TAS-SLIEMA**

**KARTA MUDELL**

**FORM 2** **MALTI - GRAMMATIKA** **ĦIN: SIEGĦA U NOFS**

**ISEM:** ______________________________________

**KLASSI:** ______________________________________

**INDEX NO:** ________________

ISTRUZZJONIJIET LILL-KANDIDATI:

1. Wieġeb il-mistoqsijiet KOLLHA
2. Irrevedi l-karta.
3. L-Ortografija tajba, l-ideat u l-preżentazzjoni tajba jgħinuk biex tikseb riżultati aħjar.

**TIKTEB XEJN F'DIN IS-SEZZJONI**

GĦALL-UŻU TAL-GĦALLIEMA - SKEMA GĦALL-MARKI

| Sezzjoni | **A - 20** | **B - 6** | **Ċ - 4** | **D - 4** | **E - 12** | **F - 6** | **Ġ - 6** | **Ħ - 6** | **I - 6** | **J - 20** |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Marka | | | | | | | | | | |

Kummenti

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

St. Francis Secondary

***A: Aqra sew din is-silta u wieġeb il-mistoqsijiet li jsegwu.***

# *X'inhi l-Imħabba?*

Frar - ix-xahar meta kulħadd jitkellem fuq l-imħabba, iżda x'inhi l-imħabba ta' veru? … Għalliema f'Wied Berquq kienet waslet fit-tmiem tal-aħħar sena tagħha qabel ma toħroġ bil-pensjoni. Qatgħetha li tuża żigarelli koħol biex tirringrazzja u fl-istess ħin tfaħħar lit-tfal tal-klassi tagħha talli flimkien kienu għaddew sena li hi qieset l-iprem. Xtaqet turihom li hi kienet tgħallmet minnhom daqskemm huma kienu tgħallmu mingħandha. F'kull wieħed u waħda minnhom sabet xi ħaġa xi tfaħħar. Min għax kien qalbu tajba; min għax kien dejjem b'xagħru mimxut pulit, min għax dejjem bi tbissima; min għax kien tgħallem jaqra sew. Maż-żigarella li tat lilhom, tathom tnejn żejda biex huma jgħadduhom lil ħaddieħor, b'messaġġ lit-tieni persuna biex jgħaddi t-tielet waħda lil ħaddieħor. B'hekk iċ-ċirku ta' mħabba u apprezzament jinfetaħ iżjed 'il barra. *(paragrafu 1)*

Lanqas biss laħqet daqqet il-qanpiena li wieħed mis-subien ma żgiċċax lejn il-ħanut tal-ikel ta' ħdejhom, u sab lill-kok. Qallu, "Ara, din, talli darba meta għaddejt minn ħdejk filgħodu u staqsejtni kontx ħadt kolazzjon, u jekk tiftakar, kont għidtlek li ma kellix min jagħmilli, u int tajtni ħobża u għidtli biex xi darba nħallsek, u minn dakinhar 'l hawn, bqajt tnewwilli ħobża kuljum. Biex nurik kemm jien grat għamilt l-almu tiegħi u bdejt nistudja ħafna. Issa, hawn ara, għandek żigarella oħra biex tagħtiha lil xi ħadd li għamillek il-ġid, lilek ukoll." U hekk ġara. Il-kok fehem b'dak li kien ġara lis-sid tal-istabbiliment, u talbu permess biex jagħtih kwarta frank. Telaq jiġri kemm jiflaħ lejn il-bank, u talab biex ikellem lill-maniġer. *(parag. 2)*

Filwaqt li newwillu ż-żigarella qallu, "Tiftakar meta ġejt għandek biex nissellef il-flus ħa nixtri vann biex inkun nista' nwassal ix-xogħol li nkun ħdimt, għax ridt naqla' xi ħaġa żejda biex infaddal

St. Francis Secondary

għax ridt niżżewweġ? Tiftakar li int fassaltli pjan finanzjarju biex inkun nista' nħallsu bla ma ndum wisq u neħel ħafna imgħax? Mela, din iż-żigarella għalik!" u spjegalu x'kienet tfisser. *(parag. 3)*

U l-maniġer, li kien għoddu nesa l-ġrajja tal-kok, fis ftakar. U hemeż iż-żigarella mal-flokk. Meta daħal id-dar, sab lit-tifel tiegħu iħawwad xi ħaġa fuq in-nar. Minn mindu kienet mietet il-mara, x'aktarx li dejjem ikel tal-friża kienu jieklu, għax ebda minnhom ma kien jaf isajjar. Iżda llum, kienet ġrat xi ħaġa speċjali lilhom it-tnejn. Kien hemm riħa ta' brodu tat-tiġieġ tagħqad fuq id-difrejn. Il-missier, bla kliem xejn, resaq lejn ibnu u ħaddnu. U t-tifel ħass fawra tielgħa għal wiċċu, kemm għax missieru kien ilu s-snin ma' jħaddnu, kif ukoll għax ra li fuq il-pavru tal-ġlekk kien hemm iż-żigarella li bħalha kien ta tnejn minnhom lill-kok. *(parag. 4)*



"Pa! Dik minn fejn ġibtha?" temtem. "Dik, ibni? Dik tahieli l-kok tal-ħanut ta' ħdejn l-iskola." U hawn it-tifel induna li dik kienet tabilħaqq it-tielet żigarella tiegħu. Int, li qed taqra din l-istorja, jekk tħares madwarek, kemm għandek il-ħila ssib nies li ħaqqhom żigarella? *(parag. 5)*

(Kitba ta' Tanja Cilia u meħuda mir-rivista *Sagħtar* ta' Frar 2008)

**1. *Ikteb Veru jew Falz*** (5 marki)

a. L-ewwel mit-tliet żigarelli marret għand il-kok. ________________
b. It-tifel li qassam iż-żigarelli kellu ommu mejta. ________________
c. Il-missier sajjar il-brodu tat-tiġieġa. ________________
d. It-tifel ma kienx jaf isajjar. ________________
e. L-imħabba vera hija dik li tgħid u turi lill-oħrajn li tħobbhom.__________

**2. *Fisser fi kliemek:*** (5 marki)

a. mimxut (parag. 1) ____________________________________________
b. żgiċċa (parag. 2) ____________________________________________
c. grat (parag. 2) ____________________________________________
d. għamilt l-almu tiegħi (parag. 2) ________________________________
e. tagħqad fuq id-difrejn (parag. 4) ________________________________

St. Francis Secondary

**3. *Għaliex ħass fawra t-tifel x'ħin missieru ħaddnu?*** (4 marki)

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

**4. *Fittex u ikteb:*** (6 marki)

1. Superlattiv Relattiv minn parag. 1 - ____________
2. Nom fil-Plural Sħiħ minn parag. 1 - ____________
3. Aġġettiv minn parag. 1 - ____________
4. Kelma ta' nisel Anglo-Sassonu minn parag. 2 - ____________
5. Nom fl-Għadd Imtenni minn parag. 4 - ____________
6. Partiċella mehmuża mal-pronom *hu* minn parag. 5 - ____________

---

**B: *Ikteb sinonima għal dawn il-kliem:*** (6 marki)

1. ġurnata ____________
2. kuluri ____________
3. grada ____________
4. kewkba ____________
5. mistoqsija ____________
6. monument ____________

**Ċ: *Ikteb Veru jew Falz*** (4 marki)

1. In-nom sema huwa ta' ġens femminil. ____________
2. Ġnubijiet hija eżempju ta' plural tal-plural ____________
3. Il-gradi prinċipali tal-aġġettiv huma erbgħa. ____________
4. L-alfabett Malti fih 26 ittra li huma konsonanti. ____________

**D: *Imla l-vojt bis-Superlattiv Relattiv:*** (4 marki)

1. ____________ (qawwi) ingredjent biex taffronta l-ħajja huwa l-kuraġġ.
2. ____________ (għoli) valur fil-ħajja hu l-imħabba, lejk innifsek u lejn l-oħrajn.
3. ____________(ħażin) arma qattiela tal-bniedem hu l-ilsien.
4. ____________(għaref) bniedem hu l-umli.

St. Francis Secondary

**E: *Qiegħed dawn in-nomi fil-kolonna t-tajba:*** (12-il marka)

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| GĦENEB | IMWEJJED | BANDLA | TRIQAT | NAĦAL | ĦOBŻ |
| KWIEKEB | SIĠRA | QNIEPEN | TADAMA | BIBIEN | BIROS |

| ***Farrad Waħdieni*** | ***Singular Kollettiv*** | ***Plural Sħiħ*** | ***Plural Miksur*** |
|---|---|---|---|
| **1.** ____________ | **1.** ____________ | **1.** ____________ | **1.** ____________ |
| **2.** ____________ | **2.** ____________ | **2.** ____________ | **2.** ____________ |
| **3.** ____________ | **3.** ____________ | **3.** ____________ | **3.** ____________ |

***F: X'insejħulu? :*** (6 marki)

1. Wieħed li jaqdef id-dgħajjes ________________
2. Waħda li tikteb il-kotba ________________
3. Wieħed li jirrapporta u jikteb fil-gazzetti ________________
4. Wieħed li jaħdem fil-ħġieġ ________________
5. Waħda li taf tħallat u tbigħ il-mediċina ________________
6. X'jissejħu dawn li għadek kemm ktibt? ____________________________

***Ġ: Żid NOM ma' dawn l-aġġettivi biex jingħata s-sens ta' Superlattiv Assolut:*** (6 marki)

1. ħelu ____________________ 4. tari ____________________

2. morr ____________________ 5. artab ____________________

3. qares ____________________ 6. oħxon ____________________

***Ħ: Ikteb fl-Għadd Imtenni:*** (6 marki)

1. sena ____________________ 4. widna ____________________

2. xahar ____________________ 5. xoffa ____________________

3. bajda ____________________ 6. ġimgħa ____________________

St. Francis Secondary

***I: Agħti kelma waħda flok il-kliem fil-parentesi:*** (6 marki)

1. Ħu ħsieb (is-saħħa tiegħek) ____________________.
2. (Ra lilhom) ___________________ ixejru mill-bogħod.
3. (Is sengħa tagħna) ______________________ hi ta' infermiera.
4. Ħa (is-sehem tiegħu) ______________________ u telaq ferħan.
5. Żomm (ix-xagħar tiegħek) ________________________ nadif.
6. (Tefa' l-ballun lil sħabu.) ______________________________

---

***J: KOMPONIMENT : Agħżel WIEĦED u ikteb MHUX INQAS minn 250 kelma.*** (20 marka)

1. Kwalitajiet sbieħ li nammira fil-kantant/a favorit/a tiegħi.
2. Ibda l-komponiment: Darba waħda waqt li kont fuq il-bejt …
3. Immaġina li, għodwa waħda fil-bnazzi tar-rebbiegħa, Aladdin u l-Prinċipessa Jasmine iddeċidew li jtiru fuq gżiritna. Iddeskrivi x'raw, x'għoġobhom l-aktar u xi xtaqu jibdlu li kieku kellhom jiġu joqogħdu hawn.



**Nawguralek!!**

---

UŻA DAN L-ISPAZJU BIEX TIPPJANA L-KOMPONIMENT

St. Francis Secondary